MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 161/2000/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Schembri Par. Brothers Limited u b'digriet tat-13 ta' Frar 2002 isem is-socjeta konvenuta gie mibdul ghal Schembri Batteries Limited u b'digriet tas-17 ta' Settembru 2004 isem is-socjeta konvenuta gie mibdul ghal "Schembri Barbros Limited"**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih il-Korporazzjoni attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' disa mija u tlettax il-liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm913.78) rapprezentanti danni mill-konvenut jew minn impjegati tieghu ikkagunati f'cable tal-elettriku propjeta tal-Korporazzjoni attrici, liema incident okkorra nhar t-3 ta' Awissu 1998 f'Mdina Road, Attard, u ghal

liema danni il-konvenut unikament responsabbli minhabba negligenza da parti tal-konvenut jew ta' impjegati tieghu waqt x-xogholijiet ta' eskavar ta' trinek fl-imsemmija triq.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Mejju 1999 u tal-ittra interpelattorja datata 19 ta' Jannar 1999 rispettivament, flimkien mal-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali u bis-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 7 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1) Illi t-talbiet tal-Korporazzjoni attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghha peress illi s-socjeta' konvenuta kif citata ma tezistix u ghaldaqstant ma setghet ghamlet ebda xogholijiet kif allegat fl-att tal-avviz.
2) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet Taghha moghti fit-13 ta' Frar 2002 u a fol 20 u fol 26 tal-atti u li permezz tieghu giet milqugha talba ghall-korrezzjoni ta' isem l-istess socjeta konvenuta u ordnat n-notifika mill-gdid tal-avviz kif korrett.

Rat dak verbalizzat a fol 31 tal-atti waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2002 (fol 31 ibid).

Rat id-digriet Taghha ulterjuri moghti fl-17 ta' Settembru 2004 u li bih awtorizzat il-korrezzjoni ta' isem is-socjeta konvenuta ghal "Schembri Barbros Limited " (fol 42 u fol 45 ibid).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta (fol 53 ibid) " Schembri Barbros Limtied " (C9571) u li biha eccepiet bir-rispett:-

Illi t-talbiet tal-Korporazzjoni attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi:

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni attrici ghandha tigi dikjarata dezerta ai termini tal-artikolu 963 (1) et sequitur

tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, billi ma nghalqux il-proceduri bil-miktub fiz-zmien perentorju stipulat fil-ligi.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, illi s-socjeta' esponenti ddahlet fil-kawza permezz tad-Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-17 ta' Settembru 2004 u ghalhekk l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. In subsidju u minghajr pregudizzju ghall-premess illi s-socjeta' konvenuta mhijiex responsabbli ghall-hsarat allegati fl-avviz billi hija ma kienet bl-ebda mod negligenti kif allegat fl-avviz.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat dak verbalizzat a fol 58, fol 59 u fol 60 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-ewwel eccezzjoni kif proposta ghandu jissemma li l-avviz in esami kien gie presentat fl-14 ta' Frar 2000 waqt li n-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta u hawnhekk qed issir referenza ghall-ewwel wahda a fol 7 ibid – kienet giet presentata fit-30 ta' Awissu 2000. Pero f'dan il-kaz, kif jidher mill-atti kien hemm certa diffikolta sabiex jigi stabbilit x'kien l-isem korrett tas-socjeta konvenuta. Filfatt jidher li, sussegwentement, l-isem tas-socjeta konvenuta kien gie korrett permezz tad-digriet moghti fl-17 ta' Settembru 2004 u giet sottomessa mis-socjeta konvenuta, it-tieni nota tal-eccezzjonijiet.

Illi, mill-premess, jidher illi l-kaz in desamina hu wiehed mhux tas-soltu, u dan minhabba l-korrezzjonijiet li kellhom jsiru f'isem is-socjeta konvenuta. Wara li ntqal dan "obiter" jigi rilevat illi l-atti bil-miktub kienu gew maghluqa meta giet presentata l-ewwel nota tal-eccezzjonijiet (fol 7 tal-atti) u dan fit-30 ta' Awissu 2000 cjoe ftit granet wara li skadew sitt xhur mill-presentata tal-att promotur in esami kif hemm specifikat fl-artikolu 963(1) citat. Pero',. cjononostante dan il-punt ma kienx gie mqajjem fl-ewwel nota tal-eccezzjojijiet u difatti jidher li minhabba hekk ghandu jigi applikat l-artikolu 963(4) tal-istess Kapitolu 12 u ghalhekk din il-kawza ma tistax tigi dikjarata bhala dezerta tenut kont li kif jidher mill-atti, kif jidher a fol 12 u

fol 18 ibid, kienu instemghu xi xhieda u gew presentati dokumenti in konnessjoni mal-ewwel nota tal-eccezzjonijiet u l-meritu.

Illi in rigward l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni a basi tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili li jghid li azzjonijiet ghad-danni li ma joriginawx minn xi reat kriminali huma preskritti bit-trapass ta' sentejn jigi rilevat illi din l-eccezzjoni, bhal dik precedenti giet, legittimament sollevata wara li saret l-ahhar korrezzjoni f'isem is-socjea konvenuta. Dwar din l-eccezzjoni, pero' jigi rilevat illi l-allegat incident gara fit-3 ta' Awissu 1998 waqt li l-avviz in esami kien gie presentat fl-14 ta' Frar 2000 cjoe qabel ma' skada t-terminu tal-preskrizzjoni in esami. In oltre l-avviz kien gie notifikat lis-socjeta' konvenuta, b'isem zbaljat fit-19 ta' Frar 2000 (ara fol 2 "a tergo" tal-istess atti) dejjem qabel ma skada l-istess terminu (ara ghal kull bon fini fol 60 ibid). Dwar dan il-punt jigi rilevat illi f'dan il-kaz kienu saru diversi korrezzjonijiet fl-isem tas-socjeta konvenuta u ma hemmx involut xi bidla fil-konvenut izda biss, korrezzjoni f'isem is-socjeta konvenuta li dejjem baqghet l-istess wahda. Ghalhekk it-terminu tal-preskrizzjoni ghandu jigi konsiderat bhala li gie interrott, u sallum ghadu sospiz, bil-presentata tal-avviz in esami. Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni ghandha, ukoll tigi michuda.

Ikkunsidrat

Illi fil-mertu, Silvio Decelis (fol 12 et seq ibid) xehed illi kien qed jippresenta kopja tar-rapport tal-Pulizija dwar dan il-kaz (fol 15 sa fol 17 ibid) kif ukoll "statement dwar id-danni. Fl-imsemmi rapport, hemm imnizzel bhala "suspect number one "Salvu Schembri" bl-indirizz tas-socjeta konvenuta kif originarjament kienet giet erroneament, imharrka (ara fol 17 ibid). Fl-istess rapport jinghad ukoll (a fol 17 ibid) illi l-istess Salvu Schembri kien ammetta ma Charles Fenech (ara "infra") li kien hu li ikkaguna l-hsarat allegati u dan kif spjegat fl-istess rapport. In rigward Charles Fenech (fol 18 u 19 ibid) xehed li fuq il-post tal-incident kien hemm diversi ingenji appartenenti lid-ditta "Schembri Par. Brothers Ltd", l-isem sbaljat tas-socjeta konvenuta u li n-nies li kienu fuq il-post

tal-incident kienu qalulu sabiex jitkellmu ma Salvu Schembri, l-imghallem. Difatti x-xhud jidher li kien tkellem ma dan izda permezz tat-telefon.

Illi, a basi tal-premess, il-Qorti trid tara jekk il-Korporazzjoni attrici pprovat li l-hsarat allegati minnha gewx kawzati minhabba negligenza da parti taghha jew ta' impjegati taghha. Certament jidher evidenti li dak allegat mill-istess Korporazzoni ma giex pruvat b'xi mod fil-konfront tas-socjeta konvenuta. Dwar dan, jinghad li kien jkun opportun illi l-kaz in esami jigi propost fil-konfront ta' persuna jew persuni direttament involuti fil-hsarat in esami bhala li allegatament ikkagunahom a basi tal-<u>artikoli 1031, 1032, 1033 u 1037 tal-Kodici Civili</u> b'dan tal-ahhar jirreferi ghall-impjieg ta' persuna jew persuni li huma inkompetenti jew li setghu ragjonevolment jigu konsiderati bhala tali ("culpa in eligendo").

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, ghalhekk, l-eccezzjonijiet sottomessi fit-tieni nota tal-eccezzjonijiet ghandhom jigu respinti waqt li dak sottomess fl-ewwel wahda gie sorvolat bid-diversi korrezzjonijiet akkolti waqt dawn il-proceduri in rigward l-isem korrett tas-socjeta konvenuta.

Illi, dwar il-meritu, dan ma jistax jigi akkolt minhabba li l-provi huma manifestament insufficjenti.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-Korporazzjoni attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------